# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 29 ta' Marzu, 2019**

**Numru**

**Rikors numru 1196/89SM**

**Alfred Mallia, Giuseppa Azzopardi mart Martin Azzopardi, Carmelo Vella, Giuseppe Vella, Joseph Grima, Bartolomew Grima, Carmel Grima, Carmelo Attard u Joseph Grima (maghruf bhala Ta' Lazzru); u b'digriet tat-13 ta' Awissu 1991 Brian Abela assuma l-atti minflok Alfred Mallia; u b'nota tas-16 ta' April 2009 Martin Vella assuma l-atti minflok l-attur Giuseppe Vella li miet waqt li miexja l-kawza u Emanuel Attard assuma l-atti tal-kawza minflok l-attur Carmelo Attard li miet waqt li miexja l-kawza**

**v.**

**Alex Vella, President tal-Kazin Santa Marija tal-Mosta, Victor Grech, Segretarju, Alfred Magri, kaxxier, u Joseph Agius, Charles Bonello, Ray Bonavita, Charles Caruana u Joseph Mangion membri tal-istess Kazin; u Joseph Cachia Fearne Chairman tal-Planning Area Permits Board, Joe Pirotta, Godwin Cassar, Dennis De Luca, Joe Spiteri, Anton Valentino, Tony Mifsud, Natalino Fenech u Tony Cassar ghan-nom tal-istess P.A.P.B.; u b'nota tas-6 ta' Mejju 2011, il-Ministru tar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali (illum il-Ministru ghat-Trasport u l-Infrastruttura) assuma l-atti tal-kawza minflok il-konvenuti Joseph Cachia Fearne, Joe Pirotta, Godwin Cassar, Dennis De Lucca, Joe Spiteri, Anton Valentino, Tony Mifsud,**

**Natalino Fenech u Tony Cassar ghan-nom tal-istess P.A.P.B.; u b'digriet tas-17 ta' Gunju 1991 issejjah fil-kawza l-Kummissarju tal-Pulizija u b'digriet tad-19 ta' Novembru 2013 Perit Chris Grech, Eric Frendo u Raymond Bonavia rispettivament President, Segretarju u Kaxxier tal-Kazin Santa Marija tal-Mosta, assumew l-atti tal-kawza minflok Alex Vella, Victor Grech, Alfred Magri, Joseph Agius, Charles Bonello, Ray Bonavia, Charles Caruana u Joseph Mangion**

**Il-Qorti:**

Rat illi dawn huma proceduri ta' ritrattazzjoni a bazi tal-artikolu 811(e) u (l) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghall-ahjar intendiment ta' dawn il-proceduri, din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza li tat din il-Qorti, diversament ippresjeduta, fis-26 ta' Jannar, 2018, u li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni. F'din is-sentenza hemm esposti t-talba u r-risposta tal-partijiet, is-sentenza li kienet inghatat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, u r-ragunijiet li waslu lill-qrati imsemmija jilqghu t-talbiet tal-atturi.

"1. Dan huwa appell tal-konvenuti Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura ["il-Ministru"] u Kummissarju tal-Pulizija ["il-Kummissarju"], u appell tal-Każin *Santa Marija* tal-Mosta ["il-Każin"] minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' April 2013 li sabet li fabbrika tan-nar inbniet f'distanza anqas milli trid il-liġi, u għalhekk bi ksur tal-Ordinanza dwar l-Esplożivi ["Kap. 33"], u illi l-permess biex setgħet inbniet il-fabbrika għalhekk ma jiswiex. Il-fatti relevanti huma dawn:

"2. L-atturi, li huma sidien jew kerrejja ta' proprjetajiet qrib il-fabbrika, igħidu illi l-fabbrika nbniet f'distanza ta' mija u ħames metri (105m) minn toroq użati regolarment għal vetturi tal-mutur meta l-art. 4 tal-Kap. 33 jrid illi d-distanza ma tkunx ta' anqas minn mija u tlieta u tmenin metru (183m). Għalhekk talbu illi l-qorti:

»i. tiddeċiedi li l-bini tal-fabbrika tan-nar in diżamina qed isir f'distanza anqas minn dik stabbilita mil-liġi *de quo* u għalhekk in kontravenzjoni tal-Ordinanza dwar l-Esplożivi;

»ii. tiddikjara li l-permess maħruġ mill-*Planning Areas Permits Board* għall-bini tal-istess kamra tan-nar jikkontravjeni l-istess Ordinanza u għalhekk hu null u bla effett.«

"3. L-ewwel qorti laqgħet it-talbiet għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Illi fir-relazzjoni tiegħu … il-perit tekniku … sintetikament irrelata bil-mod segwenti:

»1. … … …

»2. illi l-konvenuti sostnew li fuq parir ta' perit minnhom imqabbad kien lilhom ikkonfermat li d-distanzi statutorjament imposti kienu qed jiġu rispettati, u dan anke kif konfortat minn spezzjoni tal-membri tal-Bord tal-Esplożivi li wara li aċċedew fuq il-post ivverifikaw li l-liġi kienet qed tiġi rispettata;

»3. illi biex jinħareġ l-imsemmi permess għal fabbrika tan-nar din trid tkun mill-anqas mija u tlieta u tmenin (183) metru 'il bogħod minn:

»i. kull post abitat;

»ii. kull triq li tista' tkun użata regolarment biex igħaddu vetturi bil-mutur minnha;

»4. illi l-permess relattiv inħareġ wara d-debita konsultazzjoni mal-awtoritajiet hemm konċernati li taw parir favorevoli biex jinħareġ il-permess mitlub;

»5. illi għalhekk it-talbiet attriċi fir-rigward m'humiex fondati peress li d-distanza tal-kamra tan-nar mill-abitat "tikkonforma mad-disposizz-jonijiet tal-liġi li fuqha nħareġ il-permess relattiv";

»… … …

»Rat ix-xiehda tal-istess perit tekniku fuq riferit datata t-28 ta' Ġunju 1995 li fiha jsostni s-segwenti:

»1. illi mill-verifiki tal-kejl li hu għamel irriżulta li dak minnu indikat fir-relazzjoni tiegħu kien żbaljat;

»2. illi d-distanza bejn id-dar ta' l-attur Brian Abela u l-kamra tan-nar in diżamina għandu jaqra n-nofs dak hemm preċedentement indikat, senjatament mija u għaxar (110) metri;

»3. illi d-distanza bejn id-dar ta' Carmelo Attard u l-istess kamra tan-nar hi ta' mija u tnejn u erbgħin (142) metru;

»4. illi għalhekk dawn iż-żewg residenzi hawn indikati għandhom kejl li ma jippermettix li jinħareġ il-permess relattiv għall-kamra tan-nar *de quo*;

»… … …

»… … … il-vertenza ġiet kjarament delineata mill-espert tekniku su riferit;

»Illi din il-qorti kif preseduta rat ir-relazzjoni peritali *de quo*, kif korretta mill-istess perit tekniku fuq sollecitazzjoni tal-qorti diversament pre-

seduta, u għalhekk tiddikjara li m'għandha l-ebda raġuni għaliex ma tistrieħx fuq l-istess riżultanzi prodotti in atti;

»Illi kif rilevat fl-istess eskussjoni tal-perit tekniku *de quo*, ir-residenzi tal-atturi Brian Abela u Carmel Attard, u t-toroq adjaċenti, jaqgħu fil-limiti tal-Ordinanza in diżamina u allura, l-*P.A.P.B.* u l-Kummissarju tal-Pulizija qatt ma setgħu jikkonċedu l-*fiat* tagħhom biex jinħareġ per-mess validu għall-bini tal-kamra tan-nar *de quo*;

»Illi għalhekk l-iżvilupp tal-bini tal-kamra tan-nar in diżamina hu pależement in vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-Ordinanza *de quo* fuq in-dikata;

»Għaldaqstant, *in vista* tal-premess, din il-qorti hi tal-fehma li l-atturi pprovaw il-każ tagħhom skont il-liġi u konsegwentement, filwaqt li tirrespinġi l-eċċezzjonijiet kollha sollevati kontra t-talbiet attriċi, kemm mill-konvenuti kif ukoll mill-kjamat in kawża fuq indikat:

»1. tiddeċiedi li l-bini tal-fabbrika tan-nar in diżamina fuq indikata nbniet f'distanza anqas minn dik stabbilita mill-liġi *de quo* u hi għal-hekk in kontravenzjoni tal-Ordinanza dwar l-Esplożivi;

»2. tiddikjara li l-permess maħruġ mill-*Planning Area Permits Board* għall-bini tal-istess kamra tan-nar jikkontravjeni l-istess Ordinanza u għalhekk hu null u bla effett;

»3. bl-ispejjeż kif indikati mill-atturi fuq indikati fiċ-ċitazzjoni promotriċi kontra l-konvenuti u kontra l-kjamat in kawża *in solidum*.«

"4. Il-Ministru u l-Kummissarju appellaw b'rikors tat-23 ta' April 2013 li għalih l-atturi wieġbu fl-20 ta' Mejju 2013, u l-Każin appella b'rikors tat-30 ta' April 2013 li għalih l-atturi wieġbu fl-20 ta' Mejju 2013.

"5. L-ewwel aggravju tal-Ministru u tal-Kummissarju jolqot l-interpret-azzjoni ta' "post abitat". Fissru dan l-aggravju hekk:

»Illi l-ewwel qorti erronjament naqset milli tidħol fl-interpretazzjoni tal-liġi speċjali u *cioè* l-Ordinanza dwar l-Esplożivi u illimitat id-deċiżjoni tagħha sempliċement fuq id-distanzi li rriżultaw lill-perit tekniku mqabbad minnha, meta l-istess perit tekniku waqt l-eskussjoni msemmija mill-qorti fis-sentenza tagħha espressament iddikjara waqt l-istess xiehda in eskussjoni illi, filwaqt li d-distanzi huma li huma, ma kienx se jidħol fl-interpretazzjoni tal-liġi li kienet fl-aħħar mill-aħħar mansjoni tal-qorti. … … …

»… … …

»Illi jekk wieħed jara x-xiehda tal-perit tekniku in eskussjoni tat-28 ta' Ġunju 1995, wieħed jara illi l-ewwelnett il-kamra ta' Carmelo Attard hija waħda relatata mad-delizzju tiegħu u mhux residenza kif tgħid il-qorti fis-sentenza tagħha, tant hu hekk li mill-atti jirriżulta li Carmelo Attard kien residenti fl-indirizz … Pietà, filwaqt li, fil-każ tal-uniku residenza ta' Brian Abela, id-distanza hija ta' mija u għaxar metri (110m). Meta mistoqsi dwar il-liġi u-definizzjoni li tagħti l-istess liġi dwar id-densità ta' popolazzjoni, l-perit tekniku kien ferm attent biex ma jagħtix interpretazzjoni … … …

»… … …

»Illi konsegwentement l-ewwel onorabbli qorti ma ikkunsidratx l-interpretazzjoni mogħtija lil 'post abitat' taħt l-artiklu 2 tal-istess Ordinanza u li tieħu konjizzjoni ta' materja purament legali li ġustament il-perit tekniku ma daħalx fil-mertu tagħha u *cioè* fid-definizzjoni ta' 'post abitat':

> »"'post abitat' ifisser kull post fejn hemm ġabra ta' djar li fihom igħammru, jew jistgħu jgħammru, iżjed minn mitt ruħ;"

»Dan, kif ġustament rilevat mill-perit tekniku in eskussjoni, kien kompitu tal-qorti li tesplora tali definizzjoni għall-fatti tal-każ in eżami, iżda l-ewwel onorabbli qorti m'għamlitx din il-kunsiderazzjoni. Apparti li l-ewwel onorabbli qorti erronjament tipprovdi li żewġ atturi għandhom residenza fl-inħawi, hija bl-ebda mod ma tidħol fl-interpretazzjoni tal-liġi u l-fatt li anke jekk għall-grazzja tal-argument jeżistu żewġ residenzi, dawn iż-żewġ residenzi ċertament ma jammontawx għal mitt ruħ u għalhekk ma jaqgħux fil-parametri tad-definizzjoni mogħtija mill-istess liġi ta' 'post abitat' u konsegwentement isegwi illi m'hemmx ksur tal-liġi speċjali taħt l-artikolu 4(*a*)(i) tagħha.«

"6. Il-Każin ressaq l-istess argument fl-ewwel parti tal-ewwel aggravju tiegħu.

"7. L-atturi wieġbu hekk:

»… … … L-artikolu 4(*a*) tal-Ordinanza huwa wieħed kumulattiv, fis-sens li l-kundizzjonijiet kollha msemmija jridu jseħħu biex tkun tista' tinfetaħ fabbrika tat-tip in diżamina. Di fatti, l-imsemmi artikolu jgħid testwalment hekk:

> "Sabiex tista' tinfetaħ fabbrika tal-polvri jew fabbrika oħra ta' din ix-xorta, hemm bżonn li jittieħdu, għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju tal-Pulizija, il-prekawzjonijiet hawn taħt imsemmijin:
>
> »"(*a*) Illi l-fabbrika għandha tkun imbiegħda għall-anqas mija u tlieta u tmenin metru minn -
>
> »"i. kull post abitat;
>
> »"ii. kull triq li tista' tkun użata regolarment biex igħaddu minnha vetturi bil-mutur; jew
>
> »"iii. kull triq oħra li sa mija u tlieta u tmenin metru minnha ma jkunx rikkmandabbli, fil-fehma tal-Kummissaiju tal-Pulizija, wara li jikkonsulta lid-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, li tinfetaħ fabbrika bħal dik;"

»L-appellati jiġbdu l-attenzjoni ta' din l-onorabbli Qorti tal-Appell li l-kelma "jew" qiegħda bejn it-tieni u t-tielet sub-paragrafu tal-paragrafu (*a*) ta' dan l-artikolu. Jiġifieri l-fabbrika għandha tkun imbiegħda għall-anqas 183 metru minn (i) kull post abitat; u (ii) kull triq li tista' tkun użata regolarmentbiex igħaddu minnha vetturi bil-mutur; jew kull triq oħra li sa mija u tlieta u tmenin metru minnha ma jkunx rikkmandabbli, fil-fehma tal-Kummissarju tal-Pulizija, wara li jikkonsulta lid-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, li tinfetaħ fabbrika bħal dik.

»Issa f'dan il-każ l-ewwel qorti stabbiliet li dawn iż-żewġ rekwiżiti li jeħtieġu li jkunu jeżistu kumulativament ma jikkonkorrux f'dan il-każ, l-għaliex it-triq li hemm biswit il-fabbrika tan-nar tintuża mill-bdiewa tal-

inħawi biex jgħaddu għall-għelieqi tagħhom u jgħaddu minnha bl-inġenji u vetturi tagħhom. L-ewwel qorti għalhekk ma kellhiex għalfejn tidħol fid-definizzjoni ta' abitat skond l-artikolu 2 tal-istess Ordinanza li jgħid li "post abitat" ifisser kull post fejn hemm ġabra ta' djar li fihom igħammru, jew jistgħu jgħammru, iżjed minn mitt ruħ. Ġaladarba hemm ksur tal-liġi, l-ewwel qorti ġustament ma kellhiex għalfejn toqgħod tidħol fl-aspetti l-oħra legali għax la irriżultalha li kien hemm ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, allura hemm ksur u konsegwentement il-permess ma setax joħroġ.

»Dan apparti li *entro* d-distanza li ssemmi l-liġi jgħix l-appellat Brian Abela flimkien mal-familja tiegħu u l-appellat Carmelo Attard għandu kamra hemm bl-għalqa magħha li jużaha għad-delizzju tiegħu.«

"8. Għalkemm ma jgħidux hekk espressament, l-atturi effettivament qegħdin jaqblu li ma hemmx "post abitat" – kif tifhem dawk il-kelmiet il-liġi – imbiegħed anqas minn mija u tlieta u tmenin metru mill-fabbrika. Igħidu wkoll, iżda, illi dan waħdu ma huwiex biżżejjed biex seta' jingħata l-permess għax huwa meħtieġ mhux biss li l-fabbrika tkun imbiegħda minn "post abitat" iżda trid tkun ukoll imbiegħda minn "triq li tista' tkun użata regolarment biex igħaddu minnha vetturi bil-mutur", u kien biżżejjed li l-ewwel qorti sabet li kien hemm triq bħal dik f'bogħod anqas minn kemm trid il-liġi biex tintlaqa' t-talba tagħhom. Dan huwa l-meritu tat-tieni parti tal-ewwel aggravju tal-Każin, u tat-tieni aggravju tal-Ministru u tal-Kummissarju, li fissru dan it-tieni aggravju hekk:

»Illi l-ewwel onorabbli qorti fid-deċiżjoni appellata tagħha kellha tagħti l-interpretazzjoni tagħha wkoll tal-liġi f'dak li jirrigwarda t-triq. It-trejqat fl-inħawi tal-kamra tan-nar li l-perit tekniku ddeskriva bħala "kampestri", u li ġeneralment għandhom wiċċ tal-gebel jew ħamrija li hemm fil-viċin ta' fejn inbniet il-fabbrika tan-nar (*sic*). Ukoll, apparti l-fatt li wieħed jistaqsi kemm dawn it-toroq kampestri jintużaw regolarment mill-vetturi *ai termini* tal-artikolu 4(*a*)(ii), l-ewwel onorabbli qorti ma ikkunsidratx li l-liġi fiha nnifisha taħt l-artikolu 4(*a*)(iii) wkoll tagħti ċertu diskrezzjoni lill-kjamat in kawża Kummissarju tal-Pulizija, fis-sens fi f'każ ta' triq li taqa' fil-parametri tad-distinza ta' mija u tlieta u tmenin metru (183m), il-Kummissarju għandu jkkonsuilta mad-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex jiddetermina jekk ikunx rakkomandabbli li tinbena tali fabbrika f'dawk id-distanzi.

»Irriżulta mix-xiehda tal-membri tal-*Explosives Committee* li kienu inkarigati li jagħtu l-parir lill-Kummissarju tal-Pulizija għall-ħrug tal-liċenzja għall-ġestjoni tal-kamra tan-nar in kwistjoni, li konsistentement irritenew li l-liċenzja nħarġet wara li saru l-verifiki u kontrolli meħtieġa skont il-liġi. Mill-provi rriżulta li f'dan il-każ sar billi ġew konsultati d-dipartimenti governattivi kollha konċernati, billi saru diversi spezzjonijiet mill-membri tal-*Explosives Committee* sabiex ikkonkludew li s-sit propost kien adattat għall-applikazzjoni magħmula u b'hekk irrakkomandaw lill-Kummissarju tal-Pulizija li l-applikazzjoni għandha tiġi kkunsidrata favorevolment. Din ir-rakkomandazzjoni saret wara li qiesu d-distanzi tas-sit propost mit-trejqat, kemm dawn it-trejqat huma frekwentati, kif ukoll wara kunsiderazzjoni oħra elementari u *cioè* jekk il-post hux abitat fit-termini tal-liġi *o meno*. F'dan il-kuntest rilevanti hija

x-xiehda tal-Kurunell Albert Camilleri li fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2006 xehed is-segwenti:

> »"... li nista' ngħid huwa li meta nħareġ il-permess aħna tajna konsiderazzjoni u dak kollu li l-liġi tgħid li għandna nikkonsidraw qabel ma jingħata dan il-permess ... Ngħid ukoll li l-liġi tippermetti li jingħata permess anke jekk ikun hemm trejqa li tkun aktar viċina mid-distanzi li semmejt u dana f'każijiet partikotari, *cioè* meta jirriżultalu lill-Kummissarju tal-Pulizija illi t-trejqa ma tkunx daqstant frekwentata minn vejikoli. Nikkonferma wkoll illi l-bord kien irrakkomanda li jinħareġ il-permess relativ wara li d-dipartimenti u n-nies kollha li skond il-liġi huma rikjesti li jiġu konsultati ġew filfatt konsultati."

»Kif ukoll:

> »"Aħna li naraw jekk hemmx post t'abitazzjoni *within two hundred meters* u l-post t'abitazzjoni jrid ikun kbir tant, jew numru ta' djar li fihom jabitaw aktar minn mitt ruħ."

»Illi għalhekk hawn ukoll għandu jirrizulta lil din l-onorabbli qorti li l-ewwel qorti m'għamlitx apprezzament xieraq tal-fatti u li tapplika l-liġi skont l-istess provi li rriżultawlha. Dan in-nuqqas jirrifletti ruħu fis-sentenza meta l-qorti bl-ebda mod ma tissindika d-diskrezzjoni mogħtija lill-Kummissarju tal-Pulizija u jekk tali deċiżjoni tiegħu kenitx waħda raġonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari *ai termini* tal-liġi.«

"9. Il-Każin ukoll, fit-tieni parti tal-ewwel aggravju tiegħu (li jikkorrespondi mal-ewwel parti tat-tieni aggravju tal-Ministru u tal-Kummissarju), igħid illi t-toroq li hemm fil-qrib tal-fabbrika ma humiex toroq "użati regolarment biex igħaddu vetturi bil-mutur", waqt illi fit-tieni aggravju tiegħu (li jikkorrespondi mit-tieni parti tat-tieni aggravju tal-Ministru u tal-Kummissarju), igħid illi kien hemm proċess sħiħ ta' konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti (kif irid l-art. 4(*a*)(iii) tal-Kap. 33) qabel ma nħareġ il-permess.

"10. Għal dan l-aggravju l-atturi wieġbu hekk:

> »L-ewwel parti tat-tieni aggravju tal-appellanti odjerni huwa fis-sens li l-ewwel onorabbli qorti kellha tagħti l-interpretazzjoni tagħha wkoll tal-liġi f'dak li jirrigwarda t-triq. It-trejqat fl-inħawi tal-kamra tan-nar li l-perit tekniku ddeskriva bħala "kampestri" u li ġeneralment għandhom wiċċ tal-ġebel jew ħamrija li hemm fil-viċin ta' fejn inbniet il-fabbrika tan-nar (*sic*).
>
> »B'referenza għal din l-ewwel parti tal-aggravju, jingħad li l-liġi fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (*a*) tal-artikolu 4 tal-Ordinanza tgħid li "l-fabbrika għandha tkun imbiegħda għall-anqas 183 metru minn (ii) kull triq li tista' tkun użata regolarment biex jgħaddu minnha vetturi bil-mutur". Issa l-artikolu 2 tal-imsemmija Ordinanza jiddeskrivi triq bħala li tfisser "kull triq, sqaq, pjazza jew post ieħor ta' passaġġ pubbliku, wkoll jekk jagħmlu parti minn fortifikazzjonijief". It-triq li hemm biswit il-kamra tan-nar u li tidher tant ċara fil-pjanta esebita … tintuża, u tintuża mill-appellati kollha u anke mill-pubbliku in ġenerali. Il-fatt li jużawha l-appellanti, deskritti bħala bdiewa mill-Assistant Kummissarju Andrew Seychell, tirriżulta mix-xiehda mogħtija minnu … … …

»Għalhekk l-ewwel onorabbli qorti qatt ma kellha tagħti definizzjoni ta' x'inhi triq, kif jippretendu l-appellanti, l-għaliex il-liġi stess tagħti din id-definizzjoni. Minn din it-triq jgħaddu n-nies fil-vetturi u l-inġenji tagħhom, anke jekk dawn in-nies huma bdiewa. Dan qed jingħad l-għaliex l-appellati donnu qegħdin jifhmu li għax huma bdiewa u jużaw din it-triq biex jaċċedu għall-għelieqi tagħhom, allura din il-parti tal-liġi qisha ma tapplikax għalihom. Dan ma jistax ikun il-bogħod iktar mir-rejaltà. Il-bdiewa li għandhom l-għelieqi f'dawk l-inhawi jużaw din is-*service road* li hemm biex jaċċedu regolarment għall-għelieqi tagħhom. Tintuża wkoll mill-appellat Brian Abela u l-familja tiegħu biex jaċċedi għad-dar tiegħu u tintuża mill-pubbliku in ġenerali biex mill-Wardija jgħaddu għal Bidnija/il-Mosta. Dan apparti li kull nhar ta' Ħadd u fil-festi l-ambjenti in kwistjoni jkunu miżgħuda bil-pubbliku biex iqattgħu nofs ta' nhar hemmhekk flimkien mal-familji tagħhom. Din it-triq taqa' taħt dak li l-liġi tikkwalifika bħala "kull" triq li għaliha tirreferi l-liġi mingħajr distinzjoni bejn triq u triq. *Ubi lex non distinguit, nec nos distinguere debemus*. U dan apparti l-fatt li lanqas it-triq l-oħra asfaltata ma tissodisfa r-rekwiżit ta' distanza stipulata fil-liġi billi lanqas dik ma hija distanti "mill-anqas" 183 metri bogħod għaliex fil-fatt hija 182.88 metri bogħod mill-fabbrika tan-nar.

»Għar-rigward tal-użu regolari, il-liġi ma tirrikjediex xi użu frekwenti jew xi użu minn numru ta' vetturi, iżda li dan l-użu jkun wieħed regolari. L-iskop tal-liġi fl-użu tal-kelma "regolari" huwa ċar u fil-fehma tal-appellati jfisser triq li jgħaddu minnha n-nies regolarment. Il-bdiewa tal-inħawi u l-appellati l-oħra jgħaddu minnha regolarment biex jaċċedu għall-proprjetà tagħhom. Il-liġi mkien ma ssemmi x'inhu n-numru ta' vetturi li jridu jgħaddu minn triq biex din titiqies bħala li qed tintuża regolarment, iżda tuża biss il-kliem "użata regolarment". Hekk hi fil-fatt din it-triq li hemm eżattament maġemb il-kamra tan-nar, użata regolarment mill-bdiewa u l-appellanti Brian Abela biex jaċċedu għall-proprjetà tagħhom. Barra minn hekk, jirriżulta mill-provi proċesswali li l-pubbliku, apparti l-interessati f'din il-kawża, jaċċedu għal dawn l-ambjenti.

»It-tieni parti tat-tieni aggravju huwa fis-sens li apparti l-fatt li wieħed jistaqsi kemm dawn it-toroq kampestri jintużaw regolarment mill-vetturi *ai termini* tal-artikolu 4(*a*)(ii), l-ewwel onorabbli qorti ma kkunsidratx li l-liġi fiha nnifisha taħt l-artikolu 4(*a*)(iii) wkoll ma ikkunsidratx li l-liġi fiha nnifisha taħt l-artikolu 4(*a*)(iii) wkoll tagħti ċertu diskrezzjoni lill-kjamat in kawża Kummissarju tal-Pulizlja, fis-sens li, f'każ ta' triq li taqa' fil-parametri tad-distanza ta' 183 meki, il-Kummissarju ghandu jikkonsulta mad-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex jiddetermina jekk ikunx rakkomandabbli li tinbena tali fabbrika f'dawk id-distanzi.

»L-interpretazzjoni li qegħdin jaghtu l-appellanti għas-sub-paragrafu (iii) tal-paragrafu (*a*) tal-artikolu 4 hija bid-dovut rispett ukoll żbaljata. Il-kelma "jew" ma hijiex hemm biex tissostitwixxi paragrafu minn ieħor. Jekk wieħed jara l-liġi li tgħid hekk:.

»"(*a*) Illi l-fabbrika għandha tkun imbiegħda għall-anqas mija u tlieta u tmenin metru minn -

»"ii. kull triq li tista' tkun użata regolarment biex igħaddu minnha vetturi bil-mutur; jew

»“iii. kull triq oħra li sa mija u tlieta u tmenin metru minnha ma jkunx rikkmandabbli, fil-fehma tal-Kummissaiju tal-Pulizija, wara li jikkonsulta lid-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, li tinfetaħ fabbrika bħal dik;”

»Jiġifieri fit-tielet xenarju, xorta waħda l-fabbrika għandha tkun imbiegħda għall-anqas 183 metru minn kull triq oħra li sa 183 metru minnha ma jkunx rakkomandabbli li tinfetaħ fabbrika bħal dik. Din id-deċiżjoni xorta waħda tittieħed mill-Kummissarju tal-Pulizija wara li jkun sema’ lid-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubblici. L-argument tal-appellanti bid-dovut rispett lejhom ma jregiex. Kien forsi jreġi li kieku x-xorta tat-triq *de qua* ma kenitx dik li hi u taqa’ taħt l-artikolu 4(*a*)(ii) tal-Kapitolu 33. Iżda, ġaladarba taqa’ taħt dan il-provvediment tal-liġi, is-sub-inċiż (iii) tal-artikolu 4(*a*) ma tiġix applikabbli in forza tal-kelma “jew’” li tinsab fit-test tal-liġi billi sub-inċiż (iii) jiġi applikabbli alternativament fin-nuqqas ta’ applikabilità tas-sub-inċiż (ii).

»L-ewwel onorabbli qorti eżaminat il-provi prodotti u a bażi tal-apprezzament tagħha waslet għall-konklużjoni li l-Kummissarju tal-Pulizija qatt ma kellu joħroġ dan il-permess, kif lanqas ma kellu jinħareġ dan il-permess mill-*P.A.P.B.* peress li kien jidher pależement li kienet qiegħda tinkiser il-liġi. Kif inhu risaput, din l-onorabbli Qorti tal-Appell ma toqgħodx tissindika d-diskrezzjoni użata mill-ewwel qorti għar-rigward tal-apprezzament tal-provi ħlief f’każijiet eċċezzjonali. Il-każ odjern żgur li ma jikkwalifikax bħala tali.«

“11. Huwa fatt notorju illi l-fabbriki tan-nar huma fihom infushom ħaġa ta’ perikolu u joħolqu riskju gravi, u mhux l-ewwel darba li nies korrew jew tilfu ħajjithom minħabba f’hekk. Il-qorti għalhekk tifhem illi f’każ bħal dak tallum għandu japplika dak li jissejjaħ il-prinċipju prekawzjonali, *viz.* li d-dubju għandu jmur favur il-ħarsien tas-saħħa u tal-ħajja tan-nies u mhux favur l-attività inerentement perikoluża.

“12. Ma huwiex kontestat li hemm toroq eqreb tal-fabbrika minn kemm trid il-liġi. Il-kwistjoni issa hi jekk dawk it-toroq humiex toroq kif tifhem dik il-kelma l-liġi għall-għanijiet tal-ħruġ tal-permess għall-fabbrika, *viz.* jekk humiex postijiet “ta’ passaġġ pubbliku” li jistgħu jkunu użati regolarment biex igħaddu minnhom vetturi bil-mutur. Il-fatt li triq ma tkunx asfaltata, li jkollha wiċċ tal-ġebel jew tal-ħamrija jew li tkun “kampestri” ma huwiex ta’ relevanza: li hu ta’ relevanza hu li t-triq tkun waħda li “tista’” tkun użata – biżżejjed il-potenzjal – biex minnha jgħaddu “regolarment” vetturi bil-mutur.

“13. L-atturi xehdu li huma spiss u regolarment igħaddu minn dawn it-toroq bil-vetturi tagħhom biex jaslu sal-għelieqi tagħhom. L-Assistent Kummissarju Andrew Seychell ukoll xehed illi:

»Hemm għelieqi mdawwrin mal-kamra tan-nar in kwestjoni, u naf li dawn l-għelieqi jinħadmu regolarment mill-bdiewa. Fit-triq pubblika li diġà semmejt hemm ukoll trejqa li tintuża ġeneralment u in partikolari mill-bdiewa li għandhom ir-raba’ f’dawk l-inħawi. Hemm ukoll triq oħra

li ma tintużax mill-pubbliku in ġeneral iżda b'mod partikolari tintuża mill-bdiewa li għandhom ir-raba' f'dawk l-inħawi.«[1]

"14. Dan huwa biżżejjed biex juri illi t-toroq mhux biss jistgħu potenzjalment jiġu użati biex igħaddu minnhom vetturi bil-mutur, iżda wkoll illi effettivament jiġu hekk użati regolarment.

"15. Tassew illil-Assistant Kummissarju xehed ukoll illi:

»Nikkonferma illi meta aħna rilaxxajna l-parir tagħna sabiex ikun jista' jingħata l-permess in kwestjoni, aħna kkonsidrajna t-triq jew it-trejqa li hemm viċin il-kamra tan-nar in kwestjoni, u aħna ikkonsidrajna li din ma kinitx triq, però kienet passaġġ li kienet mhux frekwentata ħafna.«[2]

"16. Madankollu hija l-liġi stess li tqis li "passaġġ pubbliku" wkoll huwa "triq", u trid illi t-triq tkun tista' tintuża "regolarment" u mhux bilfors li tkun "frekwentata ħafna". Il-fatt li tintuża mill-bdiewa fl-inħawi biex imorru fl-għelieqi tagħhom bl-inġenji huwa biżżejjed prova illi t-triq hija tassew waħda li tista' tintuża regolarment biex igħaddu minnha vetturi bil-mutur.

"17. L-argument imbagħad illi saru l-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti kif irid l-art. 4(*a*)(iii) tal-Kap. 33 qabel ma nħareġ il-permess kien ikun relevanti li kieku t-triq ma kinitx waħda li tista' tintuża regolarment biex igħaddu minnha vetturi bil-mutur. L-art. 4(*a*)(iii) hu maħsub biex iżid, mhux inaqqas, ir-restrizzjonijet biex tinfetaħ fabbrika tan-nar. Kull ma jfisser hu illi jekk ikun hemm triq, eqreb minn mija u tlieta u tmenin metru (183m), li ma tistax tintuża regolarment biex igħaddu minnha vetturi bil-mutur, iżda fil-fehma tal-Kummissarju xorta ma jkunx rakkomandabbli li tinfetaħ fabbrika ħdejha, mela l-permess xorta ma għandux jingħata. Fil-każ tallum, ladarba nstab li t-triq hija waħda li taqa' taħt l-art. 4(*a*)(ii), il-permess ma setax jinħareġ taħt is-sub-para. (iii).

"18. Dawn l-aggravji, kemm tal-Ministru u tal-Kummissarju u kemm tal-Każin, huma għalhekk miċħuda.

"19. Fit-tielet aggravju l-Ministru u l-Kummissarju jgħidu illi meta l-attur Brian Vella xtara d-dar fejn joqgħod (li hija eqreb tal-fabbrika minn mija u tlieta u tmenin metru), il-fabbrika ġà kienet inbniet u għalhekk ma jistax issa jilmenta għax "kienet għażla libera tiegħu li jmur joqgħod fil-viċinanzi".

"20. Dan l-aggravju, *se mai*, jista' jolqot l-interess ġuridiku ta' dan l-attur partikolari u ma jistax ikun ta' ħsara għall-atturi l-oħra. Fil-fatt, iżda, l-aggravju huwa irrelevanti għax, kif rajna, il-fabbrika hija bi ksur tal-liġi

1 *Fol.* 246 tal-proċess tal-ewwel qorti.

2 *Ibid. fol.* 286.

mhux għax tinsab wisq qrib ta' post abitat iżda għax tinsab wisq qrib ta' triq li tista' tintuża biex igħaddu minnha vetturi bil-mutur.

"21. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

"22. L-aħħar aggravju jgħid hekk:

»L-esponenti appellanti jirrilevaw ukoll li l-ewwel onorabbli qorti ma ikkunsidratx prova oħra importanti u sottomissjoni magħmula minnhom in kwantu l-allegazzjoni tal-atturi li d-deċiżjoni tal-bord tal-*P.A.P.B.* kienet *ultra vires* peress li tmur kontra l-liġi, apparti li l-mansjoni tal-*P.A.P.B.* ma kinetx dik ta' liċenzjar ta' fabbrika tan-nar iżda kienet limitata għall-ħruġ ta' permess ta' bini u li l-Kummissarju tal-Pulizija li huwa responsabbli mill-liċenzjar mexa strettament fuq il-parir mogħti mill-*Explosives Committee ai termini* tal-liġi, ma ġiet ċitata ebda liġi ta' l-ippjanar jew saret ebda prova li biha l-bord mar lil hinn minn dak provdut fil-liġi kif wieħed kien jistenna mill-atturi bl-azzjoni hekk kif proposta minnhom. Anzi għandu jingħad ukoll illi kif jirriżulta mix-xiehda tar-rappreżentant tal-*MEPA*, saħansitra nħareġ permess fl-2011 … … … li bih ġie sanzjonat il-permess preċedenti suġġett ta' din ii-kawża fejn ġew sanzjonati xi kmamar jew strutturi fil-*footprint* oriġinali u li, għakemm kienet saret in-notifikazzjoni tal-applikazzjoni lill-pubbliku *ai termini* tal-liġi, ma sar ebda intervent u ma tressqet ebda oġġezzjoni għall-imsemmi sanzjonar.

»Illi hawn bilfors wieħed jerġa' jistaqsi x'sens fih li l-atturi jsostnu li l-ewwel permess li nħareġ kien *ultra vires* u mentri għadejja din il-kawża jsir proċess da parti tal-każin konvenut t'applikazzjoni ta' sanzjonar ta' bini li sar *oltre* l-ewwel perrness fl-istess sit, bl-istess distanzi u ma ssir ebda rappreżentazzjoni jew intervent da parti tal-atturi sabiex jiġu vantati l-imsemmija allegazzjonijiet suġġetti tal-kawża odjerna. Dan jirrispekkja nuqqas ta' interess da parti tal-atturi appellati li jimmina l-pretensjonijiet tagħhom fil-konfront tal-appellanti esponenti fil-kawża odjerna. L-esponenti jissottomettu li dan l-aġir tal-atturi appellati jwassal ukoll għal nuqqas t'interess ġuridiku da parti tagħhom, li għandu jibqa' jippersisti tul il-pendenza tal-kawża kollha. Bil-ħruġ tat-tieni permess u l-fatt li l-atturi ma offrew ebda oġġezzjoni għalih, iwassal għall-konklużjoni t'akkwijexxenza għall-istess deċiżjoni li huma aċċettaw u b'hekk ippreġudikaw b'mod irrimedjabbli l-posizzjoni minn-hom assunta peress li huma dijametrikament kontra xulxin u għalhekk l-esponenti jissottomettu li l-interess ġuridiku tal-atturi llum spiċċa. F'dan il-kuntest huma relevanti s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell )Inferjuri) tal-15 ta' Mejju 2012, fl-ismijiet <u>Michael Borg *v* l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar</u> u dik tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet <u>*Britannia Catering Limited v.* Kummissarju tal-Artijiet *et*</u> deċiża fit-12 t'April 22011, kif ukoll <u>Amato Gauci *v.* Zanmit</u>, Qorti tal-Appell (Inferjuri) deċiża fid-19 ta' Mejju, 2004, fejn kien ritenut:

> »"Hu risaput li jekk azzjoni ma tkunx kapaċi twassal għal riżultat utli għal min jipproponiha minħabba fatt sopravvenut għall-istituzzjoni tal-kawża li jeżawrixxi jew jestingwi l-interess, dik l-azzjoni ma tistax treġi."

»Hekk ukoll l-appellanti jissottomettu li l-ħruġ tal-permess tal-*MEPA* fis-sena 2011 jikkostitwixxi fatt sopravvenut li eżawrixxa l-interess tal-atturi appellati f'din il-kawza.«

"23. L-ewwel argument tal-appellanti f'dan l-aggravju essenzjalment huwa illi ma ntweriex li l-permess tal-bini nħareġ bi ksur tal-liġi li tirregola l-ħruġ ta' permessi tal-bini. Għalhekk, ukoll jekk il-liċenza maħruġa mill-Kummissarju hija bi ksur tal-Kap. 33, dan jolqot il-liċenza maħruġa mill-Kummissarju u mhux il-permess maħruġ mill-*Planning Areas Permits Board.* Fil-fatt l-appellanti jgħidu li "l-mansjoni tal-*P.A.P.B*. ma kinitx dik ta' liċenzjar ta' fabbrika tan-nar iżda kienet limitata għall-ħruġ ta' permess ta' bini". Effettivament dan l-aggravju jolqot aktar it-tieni talba tal-atturi, *viz.* biex il-qorti tħassar il-permess tal-bini, milli l-ewwel talba, *viz.* biex il-qorti tgħid illi l-fabbrika hija bi ksur tal-Kap. 33.

"24. Huwa minnu illi l-argumenti tal-atturi kienu msejsa fuq il-Kap. 33 u mhux fuq il-leġislazzjoni li, fiż-żmien relevanti, kienet tirregola speċifikament il-ħruġ ta' permessi tal-bini. Madankollu, il-permess tal-bini jgħid espressament illi "*Permission is hereby granted … … … to erect fireworks factory*"[3]. Mela l-permess ingħata mhux biex jitla' bini fis-sens biss ta' struttura ġenerika tal-ġebel iżda speċifikament biex tinbena "*fireworks factory*". Biex jingħata permess biex tinbena fabbrika tan-nar kellhom jitħarsu mhux biss il-liġijiet li jirregolaw permessi tal-bini iżda wkoll il-liġijiet li jirregolaw fabbriki tan-nar, fosthom għalhekk il-Kap. 33 li, kif rajna, ma tħarisx.

"25. Il-permess għalhekk, in kwantu permess "*to erect* [*a*] *fireworks factory*", inħareġ ħażin.

"26. L-argument imbagħad li l-atturi ma oġġezzjonawx meta saret applikazzjoni biex jinħareġ permess li jissanzjona binjiet addizzjonali fl-istess fabbrika ma jibdilx il-fatt li l-fabbrika nfisha hija bi ksur tal-liġi. Dan huwa biżżejjed biex iżomm sħiħ l-interess ġuridiku tal-atturi.

"27. Wara kollox, il-permess addizzjonali ta' sanzjonar huwa biss aċċessorju għall-permess oriġinali – li nħareġ ħażin – u jkollu l-istess xorti tiegħu: *accesorium sequitur principale*. Il-permess addizzjonali nħareġ fuq il-premessa żbaljata li l-ewwel permess kien jiswa; imwaqqa' dik il-premessa jaqa' kull ma nbena fuqha.

"28. Dan l-aggravju wkoll għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

"29. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell tal-Ministru u tal-Kummissarju u l-appell tal-Każin, u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom l-appellanti."

F'dawn il-proceduri l-Ministru ghat-Trasport u l-Infrastruttura u l-Kummissarju tal-Pulizija qed jitolbu li 'l fuq imsemmija sentenza ta' din il-

[3] *Ibid. fol.* 393.

Qorti tigi mhassra biex l-appell ikun jista' jigi trattat mill-gdid. Huma jissottomettu dan peress li jallegaw li sar zball ta' fatt (artikolu 811 (l)) u zball ta' ligi (artikolu 811 (e)) meta din il-Qorti qieset it-tifsira ta' "triq" ghall-fini tal-vertenza in kwistjoni.

Din il-Qorti, minghajr ma toqghod tikkwota mill-gurisprudenza kopjuza in materja, tirribaxxi l-principji li r-regoli ta' ritrattazzjoni ghandhom jinghataw interpretazzjoni stretta, anke biex ma jinghatax lok ghal tentattivi tat-tielet appell, li mhux koncess fis-sistema procedurali Malti.

Fil-konfront tal-aggravju ai termini tal-Artikolu 811 (l), hi gurisprudenza assodata li l-izball li jwassal ghat-thassir tas-sentenza taht din il-kawzali jrid ikun zball materjali ta' fatt, u mhux zball ta' kriterju jew interpretazzjoni. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza **Abela v. Cortis**, deciza fl-20 ta' Novembru, 2008:

> "Illi **dwar il-kawzali tas-sentenza milquta minn zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza** (Art. 811 (*l*) tal-Kap 12), huwa mehtieg li wiehed iqis sewwa x'inhu dak li tghid il-ligi sabiex tali kawzali titqies misthoqqa. Il-ligi titktellem b'mod car dwar liema zball irid ikun biex iwassal halli sentenza tista tithassar. Tali zball irid johrog mis-sentenza nnifisha u jkun jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza u dan biss fil-kaz li d-decizjoni tkun imsejsa fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun eskluza ghal kollox jew fuq is-suppozizzjoni li l-fatt ma jezistix. F'kull kaz, il-fatt ma jridx ikun punt kontestat li jkun gie deciz bis-sentenza;
>
> "Illi, fuq kollox, l-izball li ghalih tirreferi din id-dispozizzjoni jrid ikun wiehed ta' fatt. Kemm hu hekk, dan huwa li jaghraf smigh mill-gdid ta' kawza fuq id-dispozizzjoni minn smigh mill-gdid ta' kawza taht il-paragrafu (e) tal-artikolu 811, li jirreferi ghal zball ta' ligi. Ghal dan il-ghan, l-izball ta' fatt li jaghti lok ghal ritrattazzjoni jrid ikun wiehed

> materjali, manifest u jirrizulta mill-atti nfushom, ghaliex mhux imholli li jitressqu provi biex jippruvaw tali zball. Minbarra dan, l-izball ma jridx ikun relattiv ghall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun gie jew seta' gie mifhum mill-gudikant li ta s-sentenza li qieghed jintalab it-thassir taghha, ghaliex dan m'huwiex zball li johrog mill-atti imma fis-sewwa konviciment insindakabbli tal-gudikant;"

Issa f'dan il-kaz, il-meritu principali, apparti kwistjonijiet ohra, kien idur madwar ic-cirkostanzi jekk fil-vicinanzi tal-kamra tan-nar in kwistjoni kienx hemm toroq uzati regolarment biex ighaddu vetturi bil-mutur. Din il-Qorti qieset din il-materja *funditus* tant li osservat li dak li riedet tara hu jekk kienx hemm passagg pubbliku li seta' jintuza regolarment minn vetturi bil-mutur, u a bazi tal-provi li kellha quddiemha, sabet li, fil-fatt, dak il-passagg huwa wzat regolarment l-aktar mill-bdiewa fl-inhawi.

Ir-ritrattandi jsostnu li din hija interpretazzjoni zbaljata tal-ligi, ghax, jghidu, vetturi bil-mutur huma karozzi u mhux ingenji tal-ghelieqi, bhal xi mohriet li l-bdiewa jistghu juzaw fix-xoghol taghhom.

Apparti li din il-Qorti, anke kif issa ippresjeduta, taqbel mal-interpretazzjoni li tat lil din il-frazi din il-Qorti fis-sentenza precedenti (peress illli fil-ligi rilevanti l-frazi "*vetturi bil-mutur*" mhux limitati jew cirkoskritta, u l-bdiewa li juzaw it-triq ghandhom bzonn protezzjoni daqs sewwieqa ohra ta' karozzi), l-allegat zball kien bazat fuq fatti veri u li jirrizultaw mill-atti, u dak li ghamlet din il-Qorti fis-sentenza precedenti taghha kien li applikat il-kliem tal-ligi ghal dawk il-fatti.

L-argument tar-ritrattandi li "*vetturi bil-mutur*" huma karozzi biss, ma jregix la mis-sens komun u lanqas mill-istess ligi. Jista' jkun li ligi ohra, ghall-iskopijiet taghha, tiddefinixxi vettura bil-mutur bhala vetturi wzati ghall-garr ta' persuni jew merkanzija, izda ma tinkludix trattur agrikolu (Att dwar l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta), pero` ma jirrizultax ghaliex tali definizzjoni ghandha tigi estrapolata anke ghall-fini tal-ligi mertu ta' din il-kawza. Din il-Qorti tinnota wkoll li referenza ghal din id-definizzjoni ma saretx fir-rikors tal-appell imressaq wara s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili u jidher li saret issa in *extremis* biex ir-ritrattandi jippruvaw jiggustifikaw it-talba taghhom.

Hi x'inhi, din il-Qorti ma taqbilx li fis-sentenza precedenti taghha, din il-Qorti tat id-decizjoni taghha fuq is-sahha ta' zball dwar xi fatt li l-atti tal-kawza kienu jeskludu.

Fil-kuntest tal-allegat zball fil-ligi, din il-Qorti tosserva illi talba ta' ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(e) timplika applikazzjoni ta' ligi hazina cioe`, uzu ta' provvediment tal-ligi flok iehor li kellu jigi applikat, u ma hemmx kaz ta' applikazzjoni hazina tal-ligi f'cirkostanzi li jinvokaw l-interpretazzjoni tal-istess ligi applikabbli, anke jekk dak li jkun jista' ma jaqbilx mal-interpretazzjoni moghtija. Fi kliem iehor, biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza

impunjata, applikat il-ligi hazina ghall-kaz u mhux li applikat il-ligi tajba, fil-fehma tieghu, b'mod hazin.

F'dan il-kaz, huwa allegat li din il-Qorti applikat l-artikolu 4(a)(ii) tal-Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta, meta kellha tapplika is-subinciz (iii) ghall-kaz. Ma jirrizultax, pero`, li sar zball fis-sens indikat. Darba din il-Qorti kkonstatat li t-triq in kwistjoni hija regolarment uzata minn vetturi bil-mutur u dan bhala stat ta' fatt, kellha tapplika is-subinciz (ii) u mhux is-subinciz (iii), u, ghalhekk, ma sar ebda zball minn din il-Qorti fis-sentenza precedenti taghha.

Lanqas ma sar zball, meta din il-Qorti annullat il-permess tal-bini tal-kamra tan-nar in kwistjoni, peress illi l-Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta (l-Ordinanza dwar l-Esplozivi), jirregola il-ftuh ta' fabbriki tal-porvli u fabbriki ohra simili, u din il-Qorti, isegwi, setghet thassar il-permess li hareg ghal dan l-iskop mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors ta' ritrattazzjoni tal-Ministru ghat-Trasport u l-Infrastruttura u l-Kummissarju tal-Pulizija billi tichad l-istess, tiddeciedi li ma hemmx lok ghat-thassir jew revoka tas-sentenza li tat din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2018, u tichad ukoll it-talba konsegwenzjali ghas-smigh mill-gdid tal-appell.

L-ispejjez marbuta ma' din il-procedura jtihallsu mir-ritrattandi *in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr